# F'EGĦLUQ IL-MITT SENA MILL-BINI TAL-LANTERNA

Minn Joseph Borg

Mitt sena ilu, missirijietna, ferħanin, setgħu jħarsu 'l fuq lejn ir-Rotunda għażiża tagħhom u tagħna u jitgħaxxqu jarawha mżejna u nkurunata bil-bini ta' dik il-lanterna l-ġmiel tagħha fuq id-disinn ta' Ġorġ Grongnet. Din kienet inbniet bil-flus tal-Mostin ta' dak iż-żmien bit-tħabrik tal-ewwel Arċipriet li kellha r-Rotunda, is-Senglejan Dr Dun Pawl Xuereb, sewwa sew 29 sena wara li kien intemm il-bini tal-knisja tagħna fl-1860.

Il-lanterna kienet tinħass nieqsa sewwa fl-arkitettura tar-Rotunda kif ipproġettata minn Grongnet. Kemm dan hu minnu, wieħed jista jarah mir-ritratti ta' kif kienet id-dehra tal-knisja tagħna mingħajr lanterna. Grongnet kien ħalla tliet pjanti ta' lanterni. L-ewwel waħda fosthom tidher fil-pjanta li hu għamel tal-knisja kollha li tidher imdendla fis-sagristija. Kien hemm oħra mdendla fil-Mużew tal-Belt Valletta u hemm ukoll dik li hi merfugħa fil-Arkivju tal-Knisja li fuqha ġiet mibnija l-lanterna li għandna.

Fit-testment tiegħu li kien għamel ftit qabel miet, Grongnet kien kiteb hekk dwar il-lanterna li kien għandha ma nbniet: "għal ġid tal-imsemmi tempju (tal-Mosta) irrid nagħti parir tajjeb, illi l-lanterna l-kbira tat-tempju għandha tkun magħmula mill-ħadid u kristalli ħoxnin imdaħħlin ġewwa fih, illi jekk jibqagħli xi ftit ħajja, nittama li nkun nista nħozz kif għandha ssir l-aħjar." Fuq din il-lanterna, minn barra, Grongnet ried li jitqiegħed anġlu tal-bronz 13-il pied għoli wieqaf fuq il-balla u qiegħed iżomm kuruna f'idu l-leminija maħruġa l-barra. Fil-ktieb tiegħu "Musta Memories and Charms" Dun Edgar Salamone, wara Monsinjur, jilmenta li ma nbnietx il-lanterna li tidher fil-pjanta tal-knisja kollha u jkompli jgħid li kieku nbniet dik il-lanterna, skond dawk li jifhmu, kienet tkun opra kbira ta' arti.

L-aktar pjanta li ntogħġbot kienet dik tal-ħaġar li kien ħażżha Grongnet stess u li kellha l-għamla ta kuruna mqegħda fuq it-tempju li jinkuruna lill-Madonna Assunta. Għalhekk kif wieħed jista jara, din il-lanterna li kellha tinbena, barra mill-ġmiel tagħha arkitettoniku kellha wkoll tifsir mill-isbah u floku. Din il-pjanta ġiet imħollija f'idejn is-Suprentendent tax-xogħolijiet pubbliċi, is-Sur Ġorġ Schinas, li iddisinjaha aktar fil-kobor. F'rokna ta dan id-disinn, taħt il-firma tiegħu u bid-data tat-28 ta' Marzu 1889, is-Sur Schinas kiteb illi dak id-disinn tal-lantena huwa tal-Inginier G.



Grongnet b'tidbila żgħira fil-għoli tagħha. Schinas kien għolla biss il-lanterna ħames piedi u tmien pulizieri iżjed u naqqas l-għoli tal-anġlu li kellu jiġi fuq balla, għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. Imma meta ġew biex jibnuha nqalgħu xi wħud li bdew jgħidu li l-koppla ma kenitx tiflaħ lanterna tal-ġebel fuqha. L-Arċipriet Xuereb żamm iebes u bagħat għall-periti biex jiddeċiedu huma jekk il-koppla kenitx tiflaħ fuqha lanterna tal-ħaġar jew le. Hekk kif dawn il-periti iddikjaraw li ma kien hemm l-ebda biża dritt beda x-xogħol taħt il-bennej ta esperjenza Mastr' Ang Sammut. Dan il-bennej kien għalaq l-aħħar disa filati tal-koppla meta Mastr'Ang Gatt kien marid.



Malajr qalgħu l-erba travi u x-xorok ta' fuqhom li kienu jagħlqu l-koppla u beda tiela l-bini u twaqqfu b'sengħa kbira dawk il-mensoli maqluba ta bejn it-twieqi mitfugħin il-ġewwa u ma jmissux waħda ma l-oħra u li fuqhom iżommu l-kuruna. B'hekk ġie mgħolli 'l fuq lejn is-Sema it-Tempju monumentali tal-Mosta, xhieda qawwija tul iż-żmien tal-imħabba u d-devozzjoni tal-Mostin lejn il-Verġni Marija Assunta.

B'tifkira tal-bini tal-lanterna kienet twaħħlet lapida tar-rham fuq il-bieb ta bejn il-pilastri tal-kampnar tal-lvant li fuqha tnaqqxet kitba Latina li bil-Malti tgħid hekk:

Lil Alla Wisq Tajjeb u Wisq Kbir
Fis-Sena Ta' Kristu 1889
Pawlu Xuereb, Mill-Isla, Duttur fit-Teoloġija
L-Ewwel Arċipriet Kappillan
Wara Dwar 30 Sena
Mit-Tmiem tal-Bini tal-Knisja
Bil-Flus u x-Xogħol tal-Mostin
Fittex li Jtella'
Il-Lanterna ta' Din il-Knisja
Li mill-Bejt Tagħha
Jgholli Rasha Lejn is-Sema
U b'Hekk Mitmuma x-Xewqa ta' Kulħadd
Ġie mgħolli
Sa L- Għola Tarf
Ix-Xogħol tal-Għaġeb, Il-Panteon ta' Malta

Riferenzi:
1. Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha - E.B. Bella
2. Mosta - Its Memories and Charms Rev Edgar W. Salamone